# Ir-Rapport ta' l-Eżaminatur Ewlieni tar-Reliġjon

## Eżami tar-Reliġjon

## Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-*Junior Lyceum* 2006

### 1. L-Għan ta' l-Eżami

L-eżaminaturi għamlu kull sforz biex il-karta ta' l-eżami tkun qrib l-istudenti, kemm f'dik li hija lingwa kif ukoll f'dak li huwa kontenut. Dan jidher ċar mir-rata għolja ta' passes (94.5%) Kull Aspett tas-sillabu ġie trattat għalih.

### 2. Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

**Mistoqsija A:** Agħmel salib ħdejn it-tweġiba t-tajba

Dan l-eżerċizzju fil-bidu tal-karta għen lill-istudenti jneħħu ċertu biża' li tiġi minn *stress* ta' l-eżamijiet. Il-biċċa l-kbira ta' l-istudenti wieġbu tajjeb għall-mistoqsijiet kollha għalkemm l-eżerċizzju kien jitlob attenzjoni u ħsieb biex toħroġ it-tweġiba eżatta. F'dan l-eżerċizzju ntlaħaq l-iskop li jagħti kunfidenza lill-istudenti.

**Mistoqsija B:** Storja ta' Omm

Din kienet storja attwali ta' kif ħafna studenti jersqu lejn l-eżamijiet tal-*Junior Lyceum* u x'għandu jkun l-atteġġament reliġjuz tagħhom f'dan il-mument tal-ħajja.

Ħafna studenti flok għamlu t-tweġiba f'isem omm Simon, hekk kif kien mitlub, għamluha f'isimhom. Dan juri li ħafna huma l-istudenti li ma jaqrawx b'attenzjoni l-mistoqsijiet li nagħmlulhom.

F'dan l-eżerċizzju, fit-talb u t-tweġibiet li taw, ħarġu d-diffikultajiet kbar li jgħaddu minnhom l-istudenti li jagħmlu l-eżami tal-*Junior Lyceum*.

a. Talb xott u egoistiku.
b. Biża' li ma jgħaddux mill-eżami u biża' mill-iskola ġdida fejn se jmorru.
ċ. Problemi tal-ġenituri li t-tfal jagħmluhom tagħhom u problemi ta' tfal weħidhom jew mhux rispettati mill-ġenituri.
d. Nuqqas ta' talb flimkien, ġenituri u tfal.

**Mistoqsija Ċ:** Magħmudija u sagramenti

Dan l-eżerċizzju ttestja kemm it-tfal jafu jgħixu l-magħmudija li rċevew meta kienu żgħar u kif is-sagramenti japplikaw għall-ħajja ta' kuljum. Il-ħafna kliem li ngħata bħala għajnuna seta' ħawwad xi tfal.

Mit-tweġibiet tagħhom tinduna kemm hu diffiċli għat-tfal li jirrakkontaw xogħol il-qassis fil-knisja.

Ninnotaw ukoll li:

a. Ħafna huma l-istudenti li ma jafux it-tieni parti tat-talba tal-Glorja.
b. It-tfal f'din l-età jsibuha diffiċli ħafna jifhmu s-simboli li hemm fil-magħmudija u l-applikazzjoni tagħha għall-ħajja.
ċ. Għandha ssir enfasi biex jinħass aktar is-sens ta' ħtija quddiem Alla u l-bżonn tal-qrar.
d. Huma ħafna tfal li wieġbu fin-negattiv għal kull mistoqsija li tingħatalhom.
e. Il-kelma Għid il-Ħamsin (Pentekoste) wasslet xi tfal biex igerfxu din il-festa ma' l-Għid.

**Mistoqsija D:** Imla l-Vojt.

It-tfal sabu dan l-eżerċizzju faċli li jippreżenta l-quddiesa fil-parti prinċipali tagħha. Grupp kbir ta' tfal tħawdu fil-kliem « Konsagrazzjoni » u « Ringrazzjament ». Naħsbu li ħafna ma jifhmux il-kelma « Ringrazzjament ».

**Mistoqsija E:** X'niċċelebraw f'dawn il festi?

L-istudenti wrew li għandhom ideja ċara fuq il-festi prinċipali tal-Knisja. L-aktar żbalji komuni f'dan l-eżerċizzju huma (d) u (e):

d. Epifanija hija biss il-festa tal-Maġi u mhux li Kristu juri lilu nnifsu Dawl tal-bnedmin kollha.
e. Immakulata Kunċizzjoni hija biss festa tal-Madonna għal ħafna u xi wħud ħawduha ma' Santa Marija (Assunzjoni).

**Mistoqsija F:** Kif niċċelebraw sew il-festi nsara.

Ftit kienu l-istudenti li tkellmu fuq festi liturġiċi u kif għandna niċċelebrawhom b'mod nisrani (talb, karità, quddies, għajnuna lill-proxxmu…).

Ħafna marru għall-festi tar-raħal, tal-patrun/a. Semmew dak li ma għandux isir (Ġlied, dagħa, xorb, piki): irrispondew b'mod wisq negattiv.

Inħoss li għandna ninsistu fuq ir-realtà tal-festi veri u ngħallmuhom iqaddsu l-festi kollha tal-knisja.

**Mistoqsija Ġ:** Kompli dawn is-sentenzi fuq il-miġja ta' San Pawl f'Malta.

It-tfal jafu sewwa din l-istorja u sewwa li jġibu *full marks*. Hija storja fil-Bibbja li jħobbu u jarawha interessanti.

**Mistoqsija G:** Ikteb 10 sentenzi fuq wieħed minn dawn: Marija Omm Tagħna, Il-Knisja, il-familja t'Alla, u Il-Bibbja.

Il-komponiment li t-tfal għamlu l-aħjar huwa dak fuq il-Bibbja. Kienu kapaċi jagħtu ħafna dettalji fuq il-Bibbja. Kwantità ta' tfal jaħsbu li l-Bibbja huma l-Vanġeli. Oħrajn li t-testment il-qadim ġie miktub mill-profeti. Għalkemm jafu li l-Bibbja hi l-kelma t'Alla, ftit juruk li jafu li jridu jimxu fuq il-kelma tagħha.

Dawk li għażlu l-komponiment fuq il-Madonna wrew l-imħabba kbira għandhom lejn Marija. Żball komuni fit-tfal li għażlu dan il-komponiment li tkellmu fuq il-Madonna, il-ħajja tagħha, il-festi li nagħmlulha, it-talb, iżda ftit li xejn kitbu li Ġesù tagħhielna bħala l-Omm tagħna.

It-tielet komponiment, "Il-Knisja il-familja t'Alla", ħoloq konfużjoni bejn il-knisja bħala ġebel u l-knisja bħala l-familja t'Alla. Ħafna ħarġu barra mis-suġġett. Dan l-iżball ġeneralment iġorruh magħhom ħajjithom kollha. Sewwa li nuru attenzjoni biex lit-tfal tagħna nagħtuhom ideja ċara li huma wlied Alla, il-familja t'Alla, il-knisja.

## 3. Kumment Ġenerali

L-iskop ta' din il-karta huwa miexi mal-linja tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali skond is-sillabu l-ġdid, li jħeġġiġna niffurmaw ċittadini nsara aħjar għas-soċjetà t'għada.

Ir-Reliġjon hija parti essenzjali mill-ħajja tal-bniedem. Hi tgħinna nirrisolvu l-problemi essenzjali tal-ħajja u tagħtina r-raġuni għaliex qatt ma għandna naqtgħu qalbna quddiem kull sitwazzjoni. Huwa għalhekk importanti li niffurmaw idea ċara ta' x'inhi r-reliġjon u nbiegħdu minnha kull fanatiżmu u ideat li mhumiex l-ideat ta' Kristu u l-Knisja tiegħu.